MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Numru 675/2006

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

Ronald John Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta'identita' numru 700661m akkuzat talli:

1. f'Mejju 2006 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' Lm22,000 ghad-dannu ta' Francesco Attard – Artikoli 308,309 u 310 Kap 9;
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-

iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi – Artikoli 18 u 183 Kap 9;

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz – Artikolu 184 tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti fuq il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dina l-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsiderat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b'truffa, falsifikazzjoni ta' atti pubblici etc.., l-uzu xjenti taghhom u r-recidiva – Artikoli 308,309,310(1)(a), 183,184, 49 u 50 tal-Kap 9.

Il-kaz kollu jdur fuq zewg assenji bankarji tal-Bank of Valletta mahruga mill-imputat f'isem certu Frank Attard fis-somma komplessiva ta' Lm22,000, li ghaddew ghand l-istess Attard biex gew girati u restitwiti lill-imputat li ddeposithom f'kont tieghu stess mal-HSBC. Hekk tal-inqas jirrisulta mill-istqarrija tal-imputat li irrilaxxja lill-Pulizija fid-9 ta' Gunju 2006 fiz-zmien meta ma kienx hemm l-obbligu legali ghall-assistenza ta' avukat qabel rilaxx ta' stqarrija izda biss l-obbligu legali li jinghata t-twissija' kif fil-fatt inghata cioe' li setgha jibqa' siket izda li dak li kien ser jghid seta'jingab bhala prova kontra tieghu.

Pero', fil-kors tal-provi tieghu l-imputat ghazel ki jaghti wkoll ix-xhieda tieghu, precisament fil-25 ta' Frar 2014, fejn irrikonoxxa l-fatt li kien ghamel stqarrija lill-Pulizija u stqarr li hass li m'ghamel xejn hazin billi sostna li kollox kien sar bl-akkwijexxenza ta' dan Frank Attard u bi flus, dawk tal-assenji bankarji, li kienu tieghu. Spiega, li minhabba f'problemi matrimonjali li kellu u l-effett taghhom fuq in-negozju tieghu, kien ftehem mal-imsemmi Attard, li mieghu dak iz-zmien kien habib sew, li jaghmel iz-zewg 'bills payable' f'ismu li kellhom jigu girati, biex wara jghaddu ghand l-imputat u dan jiddeposithom f'kont tieghu mal-HSBC, kif fil-fatt gara. L-imputat jinsisti li b'dana kollu l-gira m'ghamiliex hu. Stqarr li meta ghadda z-zewg assenji lill-kwerelant Frank Attard dan kien gie fl-imkien ma' iehor u ghaddielu l-assenji gewwa envelope iffirmati lesti fuq wara ftit tal-hin wara li kien tahomlu.

Xehed l-imsemmi Frank Attard, l-ewwel darba fl-1 ta' Frar 2007 fejn semma, qabel li d-deposizzjoni tieghu giet sospiza, li kien gie introdott mal-imputat cirka erba snin qabel mir-ragel tat-tifla u li kien

selfu b'kollox l-ammont ta' mija seba u sittin elf lira maltin. Fit-tieni okkazjoni, li kienet fis-16 ta' Lulju 2007, stqarr li l-imputat kien sostnilu li z-zewg assenji kien taghomlu in veste ta' pagament ghas-self li kien ghamillu.

Iz-zewg 'bills payable' meritu dawn il-proceduri jinsabu a folio 24 u 25 tal-atti u jgibu d-data tal-5 ta' Novembru 2003. Fir-rigward taghhom kemm l-imputat u Attard sostnew li l-firma a tergo mhiex taghhom ghalkemm l-kwerelant jirrikonoxxi li n-numru tal-karta tal-identita' taht il-firma hija n-numru tal-karta tal-identita' tieghu izda mhux fil-kitba tieghu. Jidher mit-timbru tal-bank fuq wara z-zewg assenji li huma gew iddepositati f'kont mal-HSBC numru 225-07-00420 IP02 liema titolari tieghu baqa' mhux maghruf. Pero' minn provi (riferenza ghal 'deposit slip' folio 28) jirrisulta li gew iddepositati f'kont mal-HSBC numru 054121132001 intestat f'isem R.Azzopardi bl-indirizz numru 5, Appartament 6, Triq Howard, Sliema, minn persuna b'karta ta' identita' numru 311077m li tirrizulta fil-persuna ta' certu Marco Ciantar. Dan xehed li l-assenji kienu inghataghlu mill-imputat biex jigu ddepositati l-Bank. Huwa gharaf il-kitba u l-firma tieghu fuq id-'deposit slip' relattiva' fuq liema jirrisultaw d-depositu tal-assenji bankarji (folio 26 sa 29).

Sa hawnhekk il-fatti certi huma z-zewg cekkijiet bankarji mahruga fuq ordni tal-imputat minn flusu (kif xehed, mhux kontradett), paggabbli lil Francesco Attard, u l-gira taghhom bil-firma ta' Francika Attard b'karta tal-identita'numru 0000236G, u li fl-istess data tal-5 ta' Novembru 2003 gew depositati mal-Bank HSBC f'kont intestat R.Azzopardi kif gja inghad fil-paragrafu precedenti.

Intant, l-imputat qieghed jigi akkuzat:

- bi truffa, li l-prosekuzzjoni issostni li l-imputat adopera permezz tac-cekkijiet bankarji lil-Attard biex jissimula pagament lil dan Attard;
- b'falsifikazzjoni konsistenti fil-girata a tergo tac-cekkijiet bankarji; u
- l-uzu xjenti tal-istess meta c-cekkijiet spiccaw depositati f'kont bankarju kif jirrisulta minn folio 28;

Issa, appena hemm ghalfejn jinghad li l-prova ghall-akkuzi migjuba huma ghak-karigu tal-prosekuzzjoni u huwa bizzejjed ghall-imputat li jipprova almenu fuq bazi tal-probabbli. Minn ezami tad-dokumenti esebiti mill-imputat fil-kors tax-xhieda tieghu a folio 215 et seq ghandu jkun car, fil-fehma tal-Qorti, li l-prova inkombenti fuq l-imputat giet sodisfatta ampjament u hi tali li tinnewtralizza ghal tal-anqas mill-aspett kriminali l-provi mresqa mill-prosekuzzjoni - fir-rigward l-ewwel billi hi nieqsa l-prova tar-raggiri u artificji kif ghandu jirrisulta anka mid-dokument fol.222; fir-rigward it-tieni hi kontradetta mir-rapport kaligrafiku ordnat mill-Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni; fir-rigward it-tielet stante li bhala konsegwenza ma tistax tirrizulta.

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------